**STQARRIJA MINISTERJALI**

**MINISTRU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL BYRON CAMILLERI**

**29 ta' April 2025**

Sur President, irrid illejla naġġorna lill-Parlament bil-pożizzjoni tal-Gvern wara li dalgħodu ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ li l-Kummissjoni Ewropea fetħet kontra Malta dwar il-qafas leġiżlattiv b'rabta maċ-ċittadinanza b'investiment.

Però rrid qabel xejn nistabbilixxi żewġ prinċipji importanti:

- L-ewwel. Dan il-Gvern wara l-2013 fassal dan il-qafas leġiżlattiv biex joħloq programm li jiġġenera l-ġid li minnu jgawdu l-Maltin u l-Għawdxin, kif fil-fatt sar. Tant li twaqqaf Sovereign Wealth Fund tal-pajjiż, dak li jissejjaħ National Development and Social Fund, li permezz tiegħu sar tifdil, investimenti, u saru u qed isiru diversi proġetti ta' fejda u investimenti. Il-ġid iġġenerat serviena wkoll bħala pajjiż anke waqt l-isfida tal-pandemija.

- Dan il-Gvern kompla jsaħħaħ l-istess inizjattiva, u ddefendejna bis-saħħa l-pożizzjoni ta' Malta kullimkien. Ħasra li mhux kulħadd jista' jgħid l-istess.

Però ħa ngħaddi issa għall-fatti marbuta mas-sentenza li ngħatat iktar kmieni llum meta l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat il-verdett tagħha fil-kawża kontra Malta, il-kawża C-181/23.

Il-Gvern Malti dejjem jirrispetta d-deċiżjonijiet tal-Qrati. Naturalment f'dan il-mument l-effett legali ta' din is-sentenza qed ikun studjat fid-dettall, sabiex il-qafas regolatorju ta' pajjiżna dwar iċ-ċittadinanza jkun konformi mal-prinċipji msemmija fis-sentenza.

Diġà skedajt ukoll laqgħat ma' professjonisti Maltin li jaħdmu fis-settur, għaliex l-attitudni tal- Gvern li anke hawnekk irridu nagħmlu l-bidliet neċessarji bi djalogu ħalli nassiguraw l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess ta' pajjiżna.

Sur President,

Biex nagħti ftit sfond, kien f'Ottubru tal-elfejn u għoxrin (2020) li l-Kummissjoni Ewropea bdiet dan il-proċess kontra pajjiżna u l-Gvern Malti kien ċar mill-bidu nett li se jiddefendi l-pożizzjoni ta' Malta.

Dejjem argumentajna li ċ-ċittadinanza hi kompetenza nazzjonali u hekk għandha tibqa'. Dan il-prinċipju kien ikkonfermat ukoll fir-rakkomandazzjoni tal-Avukat Ġenerali, Anthony Michael Collins, ippubblikata fl-4 ta' Ottubru tal-2024.

Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tikkonferma l-prinċipju dwar il-kompetenza nazzjonali, iżda daħlet f'aspetti oħra li ma ttrattax l-Avukat Ġenerali.

Sur President, ħa nagħmilha ċara wkoll. Dan programm wettaq ħafna ġid. U kburin bil-ġid li wettaq dan il-programm għax dan il-ġid investejnieh fin-nies.

Kemm ilu fis-seħħ dan il-programm iġġenera b'mod dirett dħul għall-pajjiż ta' elf u erba' mitt miljun ewro, wieħed punt erba' biljun ewro. (€1.4biljun)

Dawn flus li daħħal il-pajjiż dirett u li jinqasmu bejn il-Fond Konsolidat u l-Fond Soċjali għall- Iżvilupp Nazzjonali (NDSF), jiġifieri dak il-Fond li twaqqaf biex il-pajjiż ikollu fond għal meta jinqala' l-għawġ jew biex jinvesti fi proġetti ta' ħtieġa soċjali.

U l-għawġ, li ħadd ma kien jaħseb li jista' jinqala', sibnieh ma' wiċċna fil-pandemija. Għalhekk joħroġ biċ-ċar kemm kienet għaqlija l-viżjoni tal-Gvern li joħloq dan il-qafas legali għaliex ir-riżultati u l- frott li qtajna minnu, għexuhom u qed jgħixuhom in-nies.

Irrid infakkar li fi żmien il-pandemija, kulħadd kellu opinjoni ta' kif għandhom jintefqu dawn il- fondi.

U dawk il-fondi ntużaw biex ngħinu lin-nies, u għenna lin-nies. Irrid, Sur President, insemmi numru ta' inizjattivi minn ħafna li ttieħdu u qed jittieħdu permezz tal-NDSF u dan minbarra l-flus li hemm imfaddla jew investiti:

- Investejna għexieren ta' miljuni ta' ewro fil-housing soċjali. Dinjità lil mijiet ta' familji.
- Investejna miljuni fiċ-ċentri tas-saħħa madwar il-pajjiż.
- Investejna f'apparat mediku għal Mater Dei u San Vinċenz De Paul.
- Investejna fi proġetti ambjentali.
- Investejna fi proġetti ta' kura paljattiva mal-Hospice.
- Għenna lil Puttinu Cares fi progetti imprezzabbli li qed jagħmlu.
- Investejna fi proġetti ta' wirt storiku inkluż restawr ta' binjiet storiċi u knejjes madwar il-pajjiż.
- Investejna fl-infrastruttura sportiva, fosthom mal-MFA u anke t-trakka tal-karozzi li qed tinbena u għaliha ddedikajna l-fondi biex seta' jibda x-xogħol. Dawn huma miljuni ta' ewro f'investiment.
- Investejna fl-atleti nfushom.

U nista' nibqa' nsemmi, Sur President.

Issa ħa nkun ċar. Dan il-gvern ġab il-finanzi ta' pajjiżna tassew fis-sod b'mod indipendenti minn dan il-programm. Però iva, dan il-programm tana ċ-ċans li ninvestu iktar. Tana ċ-ċans li nagħmlu aktar proġetti.

Minbarra dan il-programm ikkontribwixxa wkoll iktar minn seba' mitt miljun ewro f'kiri u xiri ta' proprjetà, kif ukoll xiri ta' bonds.

L-applikanti kkontribwixxew ukoll f'madwar għaxar miljun ewro f'għotjiet filantropiċi diretti lil għaqdiet differenti madwar il-pajjiż li jaħdmu f'oqsma differenti.

Għalhekk dan il-qafas leġiżlattiv li minnu gawda kulħadd. Min b'mod dirett u min b'mod indirett. Il-pajjiż, dawk li jaħdmu fis-settur, min kera l-proprjetà, min ibbenefika mill-inizjattivi, il-poplu kollu li gawda mill-għajnuna li stajna nagħtu fil-pandemija u nista' nibqa' nsemmi.

U għalhekk hija verament ħasra ikbar li mhux il-pajjiż kollu kien magħqud fuq dan il-programm.

L-appell tiegħi hu biex għal li ġej, hekk kif il-Gvern qed janalizza s-sentenza u jikkunsidra l-passi li jmiss, inkunu magħquda bħala pajjiż wieħed.

Finalment, Sur President, jista' jkun li llum hawn min għorok idejh. Dik l-attitudni jiġġudikaha l-poplu.

Li nista' ngħid hu li dan hu Gvern li f'kull deċiżjoni li ħa ra li joħloq il-ġid għall-Maltin u l-Għawdxin. Għax mill-ġid igawdi kulħadd. U għalhekk ser nibqgħu ffukati biex immexxu dan il-pajjiż 'il quddiem u nibqgħu nattiraw l-investiment lejn pajjiżna.